# Pjan Finanzjarju u Amministrattiv
# għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi
# 2022

Dan huwa l-pjan finanzjarju u amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi għas-sena 2022.

## Kuntratti Annwali Ġodda

Il-Kunsill Lokali jaf li matul din is-sena se jkun hemm diversi kuntratti li se jiskadu, u allura dan ifisser li l-Kunsill Lokali jrid joħroġ is-sejħiet għall-offerti. Dan jista' jfisser ukoll li ċertu kuntratti jistgħu jogħlew fil-prezz minħabba l-prezzijiet fis-suq, u għaldaqstant il-Kunsill Lokali jrid ikompli joqgħod attent fin-nefqa tiegħu sabiex il-kuntratti l-ġodda ma jkollhomx impatt ħażin fuq l-aspett finanzjarju tal-Kunsill Lokali.

## Il-Bini taċ-Ċentru Ċiviku l-Ġdid

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qiegħed jipproġetta li matul is-sena 20122, il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid ikun daħal għat-tieni fażi ta' dan il-proġett, jiġifieri li jibdew isiru l-*finishings* f'din il-binja. Il-Kunsill Lokali ser ikollu joħroġ parti mill-ispejjeż hu, kif fl-aħħar mill-aħħar minn dejjem kien jaf li jrid jagħmel. Pero fl-istess ħin qed jara ikunx jistgħa japplika għal fondi tal-gvern sabiex itaffi ftit mill-ispejjeż.

## Għoti ta' Tarmak/*Patching u Tisbiħ*

Matul l-2022, il-Kunsill Lokali qiegħed jipproġetta li jimxi bl-istess sistema tas-sena 2021, għar-raġuni li l-piż finanzjarju tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid se jkun għadu qiegħed jinħass sostanzjalment u kuntratti annwali ma jkunux jistgħu jiġu mwaqqfa jew mhux imħallsa minħabba dan il-piż. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali qiegħed jipproġetta li jaħdem b'għaqal kbir f'dan il-qasam, sakemm il-Kunsill Lokali jsib ftit aktar saqajh fl-aspetti finanzjarju.

## Tisbiħ ta' Sqaqien

l-Kunsill Lokali ser ikun qiegħed isebaħħ xi sqaqien li nsibu fir-raħal tal-Qrendi, fosthom Sqaq Nru 2 fi Triq San Nikola, Sqaq Nru 1 u Sqaq Nru 3 fi Triq it-Torri. Dan ix-xogħol huwa stmat li jiġi jiswa madwar €45,000 u dawn ser jitħallsu b'fondi li ser joħroġ mill-allokazzjoni tiegħu l-Kunsill Lokali flimkien ma' flus oħra taħt skemi disponibbli.

**It-Tisbiħ ta' Misraħ is-Santwarju tal-Ħniena**

Il-Kunsill Lokali jinsab fi stadju fejn fi ftit tal-ġimgħat oħra japplika għall-fondi tal-*Urban Improvement Fund* sabiex isir dan il-proġett ta' tisbiħ.

Stephania Grixti
Deputat Segretarju Eżekuttiv